MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 12/2011

**Joseph Pavia (I.D. Nru. 219941M)**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Pavia (I.D. Nru 219941M) datat 22 ta' Gunju 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-9 ta' Gunju 2011 fil-kaz fl-ismijiet premessi b'liema l-istess Tribunal kien cahad l-appell ta' Joseph Pavia mir-rifjut mahrug mill-Kummissjoni ghall Kontroll tal-Izvilupp fil-konfront tal-applikazzjoni Nru 6992/97. Kopja ta' liema decizjoni hija annessa u mmarkata Dokument "A".

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u minnha qed jinterponi dan l-umli appell tieghu;

Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti fil-ligi u jikkonsistu essenzjalment fil-fatt li l-Onorabbli Tribunal naqas jikkunsidra sew it-tifsir u l-import veru tal-korrispondenza mibghuta mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

Illi fil-qosor l-appell odjern huwa dwar talba ghal sanzjonar ta' faccata li saret fis-sena 1997 permezz ta' applikazzjoni PA 6992/97, din kienet talba sabiex tigi sanzjonata bieb ta' garaxx li ma kenitx inbniet skont il-permess originali. L-ewwel darba li t-talba giet ikkonsidrata ntqal hekk: *"At the meeting the DCC considered that your application is acceptable subject to the payment of a fine to the value of Lm269."* (vide l-ittra tal-1 ta' Lulju 1998) izda wara li l-multa thalset inhareg permezz fejn il-faccata kienet qed tigi sanzjonata soggetta ghal kondizzjoni li l-bieb jickien.

Is-sottomissjoni basika tal-esponenti hija li essenzjalment b'dal-mod ma gie sanzjonat xejn. Li zvilupp jigi sanzjonat soggett ghal kondizzjoni li l-illegalitajiet jitnehhew ma huwa sanzjonar xejn. Huwa enfurzar.

Illi bir-rispett kollu l-interpretazzjoni tat-Tribunal tal-korrispondenza li kienet intbaghtet mill-Awtorita` tal-Ippjanar ma huwiex konsoni mat-tifsira naturali tal-kliem uzati mill-istess Awtorita` fil-korrispondenza minnha mibghuta. Bir-rispett kollu jekk l-awtorita` kienet qed tiggarantixxi li ladarba jithallas il-multa in kwistjoni ma kenitx ha tiehu l-ebda pass kontra l-illegalita in kwistjoni ma setghetx wara tinsisti li s-sanzjonar kien ikun soggett ghal bidliet fil-bieb tal-garaxx. Il-kliem *"your application is acceptable subject to the payment of a fine"* ma jista' jfisser xejn ghajr il-fatt li l-multa kienet kundizzjoni intrinsika sabiex jinhareg il-permess mitlub. *Del resto* irid jinghad li kien prassi komuni illi sanzjonar ta' illegalita` fejn jintalab kien ikun soggett ghal hlas ta' multa biss u mhux ukoll ghat-tnehhija tal-istess illegalita`.

Dan kellu jkun proprju l-kaz fir-rigward ghall-applikazzjoni mertu ta' dan l-appell u ladarba thallset il-multa l-faccata kellha tigi sanzjonata kif mitlub mill-esponenti.

Illi *in oltre* jigi rilevat li ma hemm l-ebda ambigwita` fil-kelma *'facade'* uzata fl-applikazzjoni. Din il-kelma tirefferi ghal faccata kollha tal-bini nkluz ghalhekk il-bieb, u kull struttura fl-istess faccata, inkluz l-oghli tal-bieb. Ukoll inkwantu gie rilevat *en passant* li s-sanzjonar f'dan l-istadju ma kienx ikun konformi mal-*policies* tal-ippjanar vigenti, ghandu jinghad li dawn il-*policies* ma gewx indikati. Il-*policy* jew *policies* li setghu jgibu fix-xejn l-applikazzjoni odjerna kellhom jigu identifikati jekk kienu ser jigu applikati mit-Tribunal.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirreferi ghas-sottomissjonijiet kollha minnu gja maghmula u jirriserva li jaghmel dawk is-sottomissjonijiet u jressaq dawk il-provi lilu permess fil-ligi, jitlob riverentement lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq premessa u minflok tilqa' l-appell tal-esponenti u tiddikjara li t-tieni kondizzjoni tal-permess PA 6992/97 kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fit-23 ta' Ottubru 1998 ma huwiex applikabbli.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 9 ta' Novembru 2011 a fol 21 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skont l-**artikolu 41 (6) tal-Kap. 504** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li

jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza ***Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996)***, fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi……Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

2. Illi l-appellant qed isostni li nhariglu permess ta' sanzjonar li kien suggett ghall-hlas ta' multa u li gialadarba din tithallas kollox jigi sanzjonat. Min-naha l-ohra, l-Awtorita' argumentat, u gie kkonfermat mit-Tribunal, li l-Awtorita' ma mponietx multa bhala kundizzjoni ghall-hrug tal-permess izda l-multa giet imposta *ai termini* tal-ligi in vista tal-ksur tal-permess originali.

L-Awtorita' esponenti tirreferi ghan-nota responsiva taghha pprezentata nhar is-17 ta' Marzu 2011 u citata fid-decizjoni llum appellata fejn gie spjegat: *"Illi l-istess appellant qed jittentaw jiehdu vantagg mill-wording tal-formula tal-fine – din tkun qed tirreferi ghal dak biss li qed jigi milqugh li qed jigi ssanat – tant hu hekk li l-pjanti (red 73A) li biddel l-istess appellant ma gewx approvati kollha izda biss dwar l-gholi tas-sular mhux il-bieb tal-garaxx u l-fine thallset a bazi ta' dak li gie issanzjonat – li l-istess wording jaghmel referenza ghall-****artikolu tal-Kap. 356**** ta' dak iz-zmien u cioe' l-****artikolu 58**** li specifikatament taghmilha tassattiva li biss jekk l-illegalita' tigi approvata jew titnehha u tithallas il-multa amministrattiva, jigi li l-Awtorita' ma tiehux passi legali ghall-izvilupp illegali. U f'dan il-kaz hekk gara, thallset il-multa ghall-parti li giet sanzjonata u hareg il-permess ghal dik il-parti biss. Il-formola tal-fine skont il-ligi tista' biss tirreferi ghal dik l-infringement li se tigi sanzjonata u mhux qieghda hemm*

*biex l-appellant joghgbu jghid hu ghal xiex inhi. Dan mill-file jirrizulta li kien dejjem ghall-gholi u mhux ghall-opening tal-garaxx u il-fatt li wiehed ihallas fine ma jfissirx li qed jigilu ssannat kollox!"*

Ili ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed jallega l-appellant, il-multa ma gietx imposta bhala kundizzjoni ghall-hrug tal-permess u li l-fatt li giet imposta (u mhallsa) l-multa ma jfissirx anqas li qed jigi ssannat dak kollu li hu illegali. Din l-ispjegazzjoni moghtija mill-Awtorita' hija cara u ma thalli l-ebda lok ghal interpretazzjoni differenti kif qed jipprova jaghmel l-appellant.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 9 ta' Gunju 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-9 ta' Gunju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2011 a fol 25 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Pavia vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejhet l-appell deher Profs Ian Refalo ghall-appellant Pavia prezenti, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Profs Refalo esebixxa ritratt tal-bieb in kwistjoni (Dok "IR"). Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li bid-decizjoni moghtija mit-Tribunal giet injorata t-tifsira naturali tal-ittra datata l-1 ta’ Lulju 1998 wara l-applikazzjoni li saret ghal sanzjonar tal-faccata PA 6992/97 fi Plot 3, Triq Ignazio Saverio Mifsud, B’kara *“to enclose balcony and santion facdae built’* u fejn ir-reazzjoni tal-Awtorita’ ghall-istess kienet fl-istess ittra li *“At the meeting the DCC considered that your application is acceptable subject to the payment of a fine to the value of Lm269.”,* fejn l-appellant qed jghid li mill-istess kliem jirrizulta li l-applikazzjoni kif proposta tigi accettata kemm il-darba tithallas il-multa hemm imposta, tant li inghad li kemm il-darba tithallas il-multa l-Awtorita’ ma kienitx ser tiehu passi ulterjuri.

Illi gara pero’ li minflok wara l-hlas tal-multa inhareg il-permess pero’ b’kundizzjoni li l-bieb ghandu jickien, u allura b’hekk l-appellant jargumenta li l-istess Awtorita’ marret kontra dak li hija stess kitbet fl-1 ta’ Lulju 1998 u minflok issanzjonat ghamlet infurzar. Inghad ukoll li kontrarjament ghal dak li gie deciz mit-Tribunal ma kien hemm ebda ambigwita’ fil-kelma *façade* uzata fl-applikazzjoni u dan ghaliex dan kien jirreferi ghall-faccata kollha.

Illi mill-provi prodotti fil-file tal-appell quddiem it-Tribunal jirrizulta li kienet saret applikazzjoni PA 6992/97 sabiex l-appellant jaghlaq il-gallerija u ghas-sanzjonar tal-faccata tal-fond *de quo*, u jidher li taht dan l-aspett kien hemm zewg irregolaritajiet li l-appellant kien qed ifittex li jigu sanati konsistenti fl-gholi tal-garage u l-qies tal-bieb u dwar l-istess l-appellant gie infurmat li kellu jhallas l-ammont ta’ Lm269 bhala multa tant li nghad li *“If the fine is paid, and the Planning Authority notified of the payment within the stipulated time, no further action will be taken against you. However, failure to comply with this respect within the stipulated time will result in the Planning Authority taking further action in respect to the above mentioned works in accordance with the Development*

*Planning Act, 1992, as well as dismissal of the application PA 6992.97".*

Illi b'ittra datata 13 ta' Lulju 1998 l-Awtorita' kitbet li *"At the meeting the DCC considered that your application is acceptable subject to the payment of a fine to the value of Lm269 (…) Notification of your payment of this fine (the original payment form and the original bank slip signed and stamped by the bank cashier) should reach the Planning Authority within 30 days of your receipt of this letter".*

Illi b'ittra datata 24 ta' Lulju 1998 l-Perit Fenech Vella ghall-appellant oggezzjona ghall-imposizzjoni ta' tali ammont ta' multa, u t-talba giet michuda bl-ittra tal-1 ta' Settembru 1998, izda mbaghad fit-23 ta' Ottubru 1998 l-Awtorita' approvat l-applikazzjoni PA 6992/97 sabiex jaghlaq il-gallerija u jissana l-faccata gja mibnija (to enclose balcony and sanction façade as built) izda bil-kondizzjoni Numru 2 li pprovdiet li *"the garage opening is to be altered as per amended plan PA 6992/97/1C within three months from the date of issue of this permit".*

Illi sar appell minn imposizzjoni ta' din il-kundizzjoni ghaliex gie argumentat li bl-ittra tat-23 ta' Lulju 1998 tali applikazzjoni kienet gie accettata bil-kundizzjoni ta' hlas ta' hlas ta' multa fit-terminu stipulat u la darba tali multa giet imhallsa mela allura l-Awtorita' ma setghatx terga timponi kundizzjoni  dwar il-bieb tal-garage, ghaliex dan kien imur kontra dak li l-ittra tal-Awtorita' kienet gja provdiet. Izda d-DCC fit-13 ta' Mejju 2010 ikkonfermat id-decizjoni taghha illi t-tieni kondizzjoni ghandha tibqa' fis-sehh.

Illi fid-decizjoni tieghu it-Tribunal sostna li l-avviz sabiex tithallas il-multa ma timpurtax imposizzjoni ta' kundizzjoni sabiex jinhareg il-permess izda biss applikazzjoni tal-Ligi tant li inghad li din inharget *ai termini* tal-**artikolu 58 tal-Kap. 356** ghaliex kien hemm ksur tal-permess originali. Fil-fatt skond l-istess decizjoni bl-ittra tat-23 ta' Lulju 1998 kien biss jinghad li l-applikazzjoni (*application* u mhux il-*proposal*) kienu accettabli u mhux accettati (*acceptable*

mhux is *accepted*) u dan ifisser biss li l-process tal-izvilupp seta' jkompli la darba tithallas il-multa. Kien ikun differenti skond id-decizjoni tat-Tribunal kieku inghad li fl-istess ittra li *"the proposal will be accepted subject to payment of a fine".* Apparti minn dan, id-dicitura tal-applikazzjoni tal-permess kienet ambigwa ghaliex kienet *"to enclose balcony and sanction façade as built"* u dan ghaliex is-*sanctioning of the façade* kien jirrikjedi zewg operazzjonijiet, wahda aktar intensiva mill-ohra, li jdejjaq bieb tal-garaxx u li jitbaxxa l-ewwel sular, allura skond id-decizjoni *"Allura sabiex jigi evitat kull inekwivoku id-dicitura kellu tkun "to enclose balcony, and sanction both façade and height of ground floor as built"* u ghalhekk l-appell gie michud.

Illi din il-Qorti thoss fl-ewwel lok li l-punt hawn diskuss huwa interpretazzjoni tal-komunikazzjoni li ghamlet l-Awtorita' wara li dahlet l-applikazzjoni in kwistjoni u dan certament li huwa punt ta' dritt deciz mit-Tribubal ghaliex jittratta proprio interpretazzjoni ta' kliem uzat mill-Awtorita' f'dan il-kaz, u dan jista' jigi assimilat ma` interpretazzjoni ta' kliem f'konvenzjoni bejn partijiet ukoll kontraenti kif gie fuq kollox deciz kemm il-darba minn dawn il-Qrati nkluz fis-sentenza **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Ltd"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011).

Illi dan ghaliex hawn japplikaw regoli ta' interpretazzjoni ta' kliem uzat fir-relazzjoni li hemm bejn l-Awtorita' u l-applikant u li ghandha twassal ghal certi konsegwenzi u f'dan il-kuntest l-ewwel aggravju tal-Awtorita' qed jigi michud peress li attwalment dan huwa punt ta' dritt li dwaru din il-Qorti ghandha kompetenza skond il-ligi.

Illi fit-tieni lok din il-Qorti thoss li dak li ghandu jigi interpretat huwa l-kliem uzat mill-istess Awtorita' fil-korrispondenza indikata nkluza dik tat-13 ta' Lulju 1998 ikkonfermata bl-ittra tal-1 ta' Settembru 1998 u meta l-Qorti tezamina l-istess, jidher car li l-kliem uzati huma cari u jekk jittiehdu, kif ghandhom jittiehdu fit-tifsira naturali taghhom dawn huma cari fis-sinifikat taghhom, u la darba dan huwa l-kaz, l-istess Tribunal ma kellux, kif fil-fatt ghamel, jirreferi ghall-pjanti u dokumentazzjoni ohra

sabiex jara il-kliem li fih innifsu huwa car x'kien ifisser, proprju ghaliex meta wiehed jaqra l-istess komunikazzjoni tat-13 ta' Lulju 1998, fiha ma hemm ebda ambigwita' jew xi forma ta' dubju dwar din xi tfisser, u din hija li l-applikazzjoni kif sottomessa kienet accettabli kemm il-darba tithallas il-multa hemm imposta.

Illi dan qed jinghad ghaliex jekk jigu applikati r-regoli ta' interpretazzjoni ta' konvenzjonijiet bejn il-partijiet japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, li jipprovdi meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" **("Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000); **"Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi kif inghad fis-sentenza **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura jew korrispondenza hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li tirrizultax li saret f'din il-pendenza. Ma hemm l-ebda dubju li l-korrispondenza in kwistjoni ghandha valur legali anke jekk wiehed jiehu t-tezi tal-Awtorita' appellata u dan peress li wahda mis-sottomissjonijiet taghha hija li l-imsemmija korrispondenza u avviz hargu skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 58 tal-Kap. 356,** mela allura ghandhom effett legali u ovvjament jorbtu lill-parti jew ohra l-agir u fl-operat taghha in konnessjoni mal-istess.

Illi minn dan isegwi li la darba minn tali tali avviz, ittra, notifikazzjoni legali jirrizulta li l-kliem tal-istess huwa car dan jindika bi preciz l-intenzjoni ta' minn ikun hareg jew kiteb l-istess avviz u/jew ittra u ghalhekk huwa prinicpju bazilari li la darba tali kliem fih innifsu huwa car ma hemm lok ta' ebda interpretazzjoni (**"Bartolomeo Micallef vs JCR Limited"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) u

**"Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine"** (P.A. (PS) -9 ta' Dicembru 2002).

Illi din il-Qorti thoss allura li kif jirrizulta mid-decizjoni tat-Tribunal, l-istess ma qaghadx fuq il-kliem tal-istess korrispondenza nkluz l-ittra tat-13 ta' Lulju 1998, izda mar fil-file relattiv u pprova jaghti sinfikat tal-kliem kontenut fl-istess ittra, b'mod li jipprova jiggustifika ghaliex l-avviz uza dak il-kliem li uza, b'mod li allura jiggustifika l-hrug sussegwenti tal-kundizzjoni numru 2 fil-permess datat 23 ta' Ottubru 1998, li kontrarjament ghall dak li l-Awtorita' qalet sua sponte fil-korrispondenza precedenti imponiet kundizzjoni li l-bieb tal-garage kellu jigi mibdul, meta appuntu fl-ittra msemmija kien hemm mitkub car li l-applikazzjoni (ovvjament kif sottomessa) kienet accettabbli b'dan li jsir il-hlas tal-multa hemm indikat, u tali ittra ma imponiet ebda kundizzjoni ghall-accettazzjoni tal-applikazzjoni hlief il-hlas tal-multa u xejn u xejn izjed. B'hekk l-Awtorita' imponiet biss din il-kundizzjoni, li giet sewgita u allura accetta mill-appellant, u la darba dan huwa l-kaz, mela allura l-Awtorita' bl-imsemmija ittra kienet ikkomettiet ruhha bil-proposta u l-avviz taghha, liema proposta b'forma ta' imposizzjoni, (anke jekk jigi ghall- mument konsidrat li harget skond l-**artikolu 58 tal-Kap. 356),** la darba giet accettata u esegwita mill-appellant, holqot vinkolu u rabta legali, li l-ebda parti, l-appellant jew l-Awtorita' ma setghu jiddderoga unilateralment minnha, u ghalhekk l-istess Awtorita', li ghandha dejjem l-obbligu li timxi, bhal kull parti, in buona fede **("Salvino Testaferrata Moroni Viani vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 22 ta' April 1996), ma setghrtx imbaghad tibdil id-direzzjoni taghha, kif allura ghamlet meta imponiet kondizzjoni gdida fil-permess minnha mahrug dwar id-daqs tal-bieb tal-garage.

Illi din il-Qorti thoss li fl-avviz mahrug skond id-decizjoni tat-Tribunal abbazi tal-**artikolu 58 tal-Kap. 356** l-hlas ta' multa ma kienx imposta bhala kundizzjoni izda biss ghaliex kien hemm ksur tal-permess originali, izda din il-Qorti thoss li dan ma huwiex il-kaz ghaliex l-artikolu 58 jitkellem dwar reat kommess, u hawn ma imkien ma jirrizulta li qed jigu trattati reati li l-appellant qed jigi

akkuzat li kkometta izda biss dwar sanzjonar ta' zvilupp. Dawn il-proceduri certament ma humiex ta' natura kriminali u l-iter kollu ta' din l-applikazzjoni kien biss jittratta dwar permess u l-hrug tieghu u mhux procediment kriminali u allura zgur li tali artikolu ma setax ikun applikabbli ghall-kaz odjern, (anke jekk ghall-grazzja tal-argument jinghad li anke kieku jigi ghall-mument ikkonsidrat li applikabbli, ma hemm xejn x'izomm lill-Awtorita' li tapprova l-istess permess bl-imposizzjoni ta' multa biss). Ghalhekk dan ir-ragunament tat-Tribunal, huwa skond din il-Qorti zbaljat u erronju ghaliex l-**artikolu 58 tal-Kap. 356** ma jiccentrax f'din il-pendenza.

Illi dwar it-tieni argument u d-distinzjoni bejn applikazzjoni u *proposal* din id-distinzzjoni ma tohrogx mill-ligi u ma ghandha ebda sinifikat legali u dan ghaliex ma hemm ebda distinzjoni fil-ligi bejn applikazzjoni u proposta – u l-applikazzjoni sottomessa hija fil-fatt il-proposta li l-applikant qed iressaq quddiem l-Awtorita'. L-istess jista' jinghad dwar il-kelma "accettabli" u "accettata" (*acceptable* u *accepted*). Li huwa importanti huwa li l-kliem jittiehed fil-kuntest kif uzat u kull minn jaqra l-ittra tat-13 ta' Lulju 1998 jifhem li l-appellant gie mitlub sabiex ihallas tali multa biss u kemm il-darba din tithallas lill-Awtorita' l-applikazjoni tieghu kienet qed tigi accettata – ma hemm l-ebda kondizzjoni ohra imposta, u allura ma setghetx l-Awtorita' fl-ebda stadju sussegwenti ghal dan tifhem li kien hemm xi kundizzjoni ohra, li ovvjament ma ssemietx fl-istess ittra, u ghalhekk ma setghetx hija bhala Awtorita, u wisq inqas it-Tribunal li qed jiddeciedi dwar l-istess, johloq kundizzjoni ohra, ghaliex lanqas riserva ghall dan l-Awtorita' ma jidher li qatt ghamlet sa mid-data tal-istess korrispondenza u l-ittra tat-13 ta' Lulju 1998.

Illi dwar it-tielet argument imsemmi fl-istess decizjoni tat-Tribunal dan ma jistax ikun qatt accettabbli ghaliex l-ittra harget fuq l-applikazzjoni kif inhi u mhux kif it-Tribunal snin wara qed jissugerixxi li kellha tkun. L-applikazzjoni giet trattata fuq il-kliem hemm uzat u l-ittra inharget in rispons ghall-istess applikazzjoni. X'inhu idejali f'ghajnejn it-Tribunal illum ma huwiex relevanti. Dak li huwa relevanti u dak li t-Tribunal kellu jiddeciedi dwaru kien biss dwar is-

sinifikat naturali tal-imsemmija korrispondenza attwali b'rispons ghall-applikazzjoni sottomessa, u in vista tal-kliem uzat, li la darba car kellu jinghata l-interpretazzjoni naturali u litterali tieghu, u allura l-effett tal-istess dokument ufficjali tal-Awtorita' fuq l-operat tal-Awtorita'. Dan u dan biss kien imsejjah li jaghmel l-istess Tribunal u bl-ebda mod ma kellu jidhol sabiex jaghti spjegazzjoni ghaliex l-Awtorita' uzat il-kliem li uzat, sabiex allura skond it-tezi ta' l-Awrtorita' tiggustifika l-hrug ta' kundizzjoni gdida wara l-hlas ta' multa, kundizzjoni li meta giet imposta l-istess multa b'terminu meta l-istess kellha tithallas, ma kinitx tezisti.

Illi fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li bil-korrispondenza hawn ikkunsidrata nkluz bl-ittra tat-13 ta' Lulju 1998 l-istess Awtorita' imponiet biss il-hlas ta' multa fl-ammont hemm indikat ghal accettazzjoni tal-applikazzjoni kif sottomessa u ghal dan il-kaz ghal dik li gie indikat bhala *"sanction of the façade",* u la darba l-multa thallset mill-appellant, l-Awtorita' ma setghax sussegwentement timponi kundizzjonijiet godda minn dawk notifikati lill-appellant fl-imsemmija korrispondenza u ghalhekk l-imposizzjoni tal-Kundizzjoni Numru 2 fil-permess datat 23 ta' Ottubru 1998, kienet *ultra vires* u abbusiva u allura l-imposizzjoni ta' dik il-kundizzjoni qed tigi ddikjarata bhala nulla u bla effett ai termini tal-ligi u b'hekk din il-Qorti qed tilqa l-appell kif propost mill-appellanti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 9 ta' Novembru 2011, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Joseph Pavia fir-rikors tal-appell tieghu datat 22 ta' Gunju 2011 fis-sens hawn deciz u b'hekk tannulla u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni premessa tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjan**ar **"Joseph Pavia vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjnar"** datata 9 ta' Gunju 2011 u minflok tilqa' l-appell tal-appellanti u tiddikjara li t-tieni kundizzjoni tal-permess PA 6992/97 kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-

Izvilupp fit-23 ta’ Ottubru 1998 ma huwiex applikabbli ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------